VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,025, 13 ta' Lulju, 2018
Taqsima B

A.L. 223 tal-2018

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru responsabbli għall-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 364.17.

Jemenda l-artikolu 7 tal-ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 7 tal-ordni prinċipali l-kliem "wara xahrejn mid-data tal-aħħar kuntratt." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "wara sitt xhur mid-data tal-aħħar kuntratt jew mit-2 ta' Frar, 2018, skont liema tkun l-aħħar.".